# Id-Dsatax-il Lezzjoni: Fil-Quddiesa nisimgħu lil Alla jkellimna

- Il-quddiesa tinqasam żewġ partijiet kbar. Wara r-rit tal-bidu jkun hemm il-Liturġija tal-Kelma u wara l-Liturġija ta' l-Ewkaristija. Fl-aħħar ikun hemm ir-rit ta' l-Għeluq.
- Il-Kelma t'Alla tagħtina d-dawl biex nagħrfu tajjeb lilna nfusna, turina 'l Alla bħala l-bidu u t-tmiem ta' ħajjitna, tgħallimna, twiddibna u trawwimna fis-sewwa.
- Il-Liturġija tal-Kelma tibda eżattament wara li nistqarru dnubietna u npoġġu bil-qiegħda sabiex nisimgħu l-ewwel qari. Din il-Liturġija ddum sejra sa l-istqarrija tal-fidi tagħna meta ngħidu l-Kredu.
- Fil-Liturġija tal-Kelma aħna nisimgħu lil Alla jkellimna u rridu nweġbuh.
- Il-post minn fejn tinqara l-Kelma t'Alla jissejjaħ Ambone.
- Dan il-qari kollu jittieħed minn dak li huwa meqjus bħala l-akbar ktieb li qatt inkiteb - il-Bibbja. Il-Bibbja hija maqsuma f'żewġ taqsimiet kbar - it-Testment il-Ġdid u t-Testment il-Qadim. B'kollox jingħad li hemm 73 ktieb. Il-Bibbja hija ktieb speċjali għaliex inkitbet bil-għajnuna ta' l-iSpirtu s-Santu u għalhekk hija qaddisa.
- Fit-Testment il-Qadim insibu l-ġrajjiet li seħħew qabel ma twieled Ġesu' filwaqt li fit-Testment il-Ġdid insibu l-ġrajjiet li għadda minnhom Ġesu' fil-ħajja pubblika tiegħu minn meta twieled fil-għar ta' Betlem sakemm tela' s-sema. Hemm ukoll xi Kotba ta' l-Appostli bħal per eżempju l-Atti ta' l-Appostli li fih insibu l-ġrajja ta' meta San Pawl ġie Malta miktub minn San Luqa u l-Apokalissi miktub minn San Ġwann Appostlu li fih naraw it-tħabbira ta' l-aħħar tad-dinja.
- Il-Liturġija tinqasam f'numru ta' partijiet li tlieta minnhom huma t-taqsimiet il-Kbar:
    - L-ewwel Qari
    - It-tieni Qari
    - Salm Responsorjali
    - L-Evanġelju
    - L-Omelija
    - Il-Kredu
- L-ewwel qari jkun meħud mit-Testment l-Antik. Fih insibu xi ġrajja li fiha Alla jkun wera l-imħabba tiegħu lill-poplu Lhudi x'aktarx permezz ta' xi profeta. Permezz ta' dan il-qari naraw kif Alla wassal lilu nnifsu sabiex il-Lhud għarfuh, ħabbewh u għexu fil-paċi.

- Wara l-ewwel qari jkun hemm is-Salm Responsorjali. Il-Kelma Salm tfisser poeżija li tinkiteb bl-iskop li titkanta ħalli tfaħħar lil Alla. Ħafna minn dawn is-Salmi nkitbu mill-Profeta Sultan David. Il-kelma Responsorjali tfisser twieġeb jew tirrispondi. Hekk bil-frażi Salm Responsorjali nfissru tifħir lil Alla li nwieġbu għalih permezz ta' xi frażi ta' tifħir.
- Fil-quddiesa ta' nhar ta' Ħadd jew xi festa kmandata, jinqara t-tieni qari. Dan ġeneralment ikun meħud minn xi ittra li kitbu l-Appostli l-aktar San Pawl. F'dawn l-ittri l-Appostli jħeġġu lill-ewwel insara sabiex ma jaqtgħux qalbhom u jibqgħu jimxu fuq it-tagħlim ta' Kristu.
- Wara t-tieni qari titkanta l-Hallelujah u aħna nqumu bil-wieqfa sabiex nisimgħu l-Evanġelju. Din hija l-aktar parti importanti fil-Liturġija tal-Kelma. Hawnhekk insibu r-rakkont ta' xi ġrajja li minnha għadda Ġesu'. Ħafna mill-Evanġelji matul is-sena jkunu dwar xi miraklu jew ir-rakkont ta' xi parabbola ta' Ġesu'.
- Wara l-Evanġelju fil-Quddiesa tal-Ħadd inpoġġu bilqiegħda sabiex nisimgħu it-tifsira li jagħti s-saċerdot għal dak kollu li nkunu għadna kif smajna.
- L-Evanġelji huma erbgħa. L-Evanġelisti li kitbuhom huma San Ġwann, San Luqa, San Mark u San Mattew.
- Meta l-qassis jgħidilna minn liema Evanġelju hija meħuda s-silta li nkunu se nisimgħu, aħna nagħmlu s-sinjal tas-salib fuq moħħna, xofftejna u qalbna.
- Wara l-Evanġelju u l-Omelija jinqara t-talb tal-Fidili. Dan huwa talb fejn dawk kollha li jemmnu f'Ġesu' jitolbu għall-bżonnijiet materjali u spiritwali tal-bnedmin kollha fosthom il-Papa, l-isqfijiet, il-ġenituri, l-ulied, il-ħaddiema, il-morda fost oħrajn.
- Nhar ta' Ħadd din il-parti tingħalaq bl-istqarrija tal-fidi billi flimkien ngħidu l-paċi. Dan huwa mument mill-aktar importanti għaliex il-miġemgħa qed turi l-għaqda tagħha billi tistqarr l-istess twemmin.